MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 1313/2000/1

**Dr. Tonio Azzopardi LL.D.**

**vs**

**Daniel Cini**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' April, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' April, 2000, fejn gie premess li l-attur halla 'video camera' Sony Handycam numru 92907 f'idejn il-konvenut ghat-tiswija fl-1998. Wara li dewwimha ghandu aktar minn sena, irritornaha minghajr it-tiswija mehtiega. Meta l-attur

baghatha fil-laboratorju fl-Ingilterra, wara li ezaminawha infurmawh li kienet giet ”severely tampered with” u li issa kienet “beyond economical repair”. Din il-videocamera l-attur kien xtraha bil-prezz ta’ disa’ mija u erbgha u tmenin Lira Sterlina u nofs (£Stg. 984.50). L-attur qed jitlob l-ammont ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250.00) ghal dan it-telf.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepixxa:-

1. It-talba tal-parti l-ohra hija nfondata billi ma kienx minnu li l-esponenti b’xi mod ghamel hsara jew kien negligenti fit-tiswija ta’ dan l-apparat.

Sema’ x-xhieda ta’ l-attur, tal-konvenut u ta’ David Bland.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:-

1. Illi xi zmien ilu l-attur kien ikkonsenja ‘video camera’ tal-marka Sony lill-konvenut sabiex din tissewwa. M’hemmx qbil bejn il-partijiet dwar kemm damet ghand il-konvenut din il-‘camera’ l-attur jghid madwar sena, filwaqt li l-konvenut jghid madwar tlett xhur, izda hemm qbil dwar il-fatt li l-‘video camera’ inghatat lil terz, certu David Bland li jsewwi l-‘cameras’ tal-marka Sony, minghajr il-kunsens tal-attur, fis-sens illi l-konvenut ma nfurmax lill-attur li kien ser jikkonsenja l-‘camera’ lil dan Bland qabel ma ghamel hekk. Hemm qbil ukoll dwar il-fatt li l-attur esiga li jiehu l-‘camera’ lura minghand il-konvenut wara certu zmien minghajr din ma ssewwiet.

2. Illi l-attur sussegwentement ha din il-‘camera’ Londra minn fejn kien xtraha u halliha hemm ghat-tiswija. Huwa gie nfurmat li din il-‘camera’ kienet ‘beyond economical repair’ fis-sens illi l-ammont involut sabiex tigi riparata kien aktar mill-valur attwali taghha. Dan ir-rapport huwa esibit a fol. 20 tal-process u fih is-segwenti notament:

*“Unit severely tampered with, camera process PCB unreliable, switch block and servo faults apparent’.*

3. Illi sija il-konvenut kif ukoll David Bland sostnew li qatt ma fethu l-'camera'. Inoltre spjegaw li l-kliem 'severely tampered with' fil-mestjer taghhom tfisser hafna affarijiet fosthom anki li l-'camera' jkun sarilha 'service'. L-attur min-naha l-ohra jsostni li l-konvenut kien qallu li l-'camera' kienet infethet minn Bland waqt li kienet ghandu. L-attur ikkonferma bil-gurament li huwa qatt ma fetah il-'camera', izda dan ma jfissirx li precedentement huwa ma kkonsenjahiex lil haddiehor ghat-tiswija jew li ma kkawzaliex hsara bl-uzu jew mod iehor.

4. Illi huwa minnu li hemm certu diskrepanzi dwar certu fatti fix-xhieda tal-konvenut izda fil-fehma tat-Tribunal l-attur ma rnexxilux jipprova fuq bilanc ta' probabilitajiet li l-hsara li kienet tezisti fil-'camera' u cioe' dik indikata fir-rapport tal-esperti Inglizi, effettivament giet ikkawzata waqt li l-istess 'camera' kienet fil-kustodja tal-konvenut. Il-'camera' ttiehdet ghand il-konvenut ghat-tiswija izda l-attur fl-ebda mument ma spjega x'kellha hazin din il-'camera' u cioe' x'kienet ir-raguni li originarjament ittiehdet ghand il-konvenut ghat-tiswija. L-attur ma rnexxilux jipprova li l-hsara rappurtata fid-dokument esibit a fol. 20 tal-process ma kienitx tezizti fil-mument li l-'camera' giet konsenjata lill-konvenut. Huwa ghalhekk ma ppruvax li kien hemm xi negligenza jew traskuragni da parti tal-konvenut kif allegat fl-avviz.

5. It-Tribunal jixtieq inoltre jirrileva li l-attur talab l-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250.00) bhala danni sofferti minnu izda huwa ma ressaq ebda prova dwar il-valur attwali tal-'camera' u l-ammont mitlub jidher li gie likwidat arbitrarjament mill-istess attur.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur."

Minn din is-sentenza appella l-attur bl-aggravju generiku illi t-Tribunal mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-imparzjalita` u l-ekwita` skond il-ligi u l-azzjoni ippregudikat il-jeddijiet tieghu.

B’mod specifiku l-appellant jattribwixxi ksur mit-Tribunal tad-dettami ta’ l-ekwita` ghal dawn il-motivi:-

i. Ix-xhieda tal-konvenut u ta’ David Bland li ma fethux il-video-camera ma kellhiex tigi accettata.
ii. Il-Gudikatur ma accettax li jinhatar espert tekniku, kif hekk minnu mitlub. Kieku sar dan it-Tribunal ma kienx ikollu dubji dwar in-negligenza tal-konvenut ghaliex dan kien jigi accertat.
iii. It-Tribunal messu addossa htija fuq il-konvenut talli ma sejjahx fil-kawza lil David Bland.

F’materja ta’ appelli minn decizjonijiet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar huwa ormaj konkordi illi l-aditu ghall-appell lil din il-Qorti hu wiehed limitat hafna, koncess biss fil-kazijiet raffigurati fl-Artikolu 8 (2) ta’ l-Att V ta’ l-1995. In effetti l-appellanti jibbaza l-appell tieghu fuq id-dispost (d) tal-imsemmi artikolu tal-ligi tant li jikkwotah ‘expressis’.

F’cirkostanza bhal din, il-Qorti ghandha, biex tqis l-appell ammissibbli, tiddetermina jekk l-aggravju, kif dedott, kienx jikkontesta l-gudizzju tat-Tribunal mil-lat ekwitattiv. (“**Stephen Chetcuti et –vs- Cycle World Limited**”, Appell, 12 ta’ Jannar 2001; “**John Attard –vs- Charles Agius**”, Appell, 14 ta’ Gunju 2001)

Minn dak kaptat mill-appell interpost l-attur jillamenta mill-fatt illi t-Tribunal ta wisq affidament lill-verzjoni tal-konvenut u tax-xhud minnu prodott milli dik tieghu. Verzjoni din li kienet tafferma li l-konvenut qallu li kien fetah il-videocamera.

L-appellant imbaghad javanza lanjanza ohra u cjoe dik fejn it-Tribunal, una volta warrab it-talba tieghu ghal hatra ta’ espert tekniku, ghalkemm irritjena li hu ma kienx fetah il-videocamera, addotta b’assunt illi dan ma kienx ifisser illi qabel hu ma kienx ghaddiha lil haddiehor ghat-tiswija jew li ma kkawzaliex hsara bl-uzu jew mod iehor.

Jigi rilevat f’dan l-istadju illi kuntrarjament ghal dak ritenut mill-appellant, mill-atti processwali ma jirrizulta l-ebda

verbal dwar xi talba ghan-nomina ta' perit tekniku, kif hekk qed jigi pretiz minnu.

L-appellanti jaf jew messu jkun jaf illi din il-Qorti ta' revizjoni trid toqghod fuq l-atti li jkollha quddiemha u mhux fuq dak li seta' intalab u ma nghadx jew ma giex verbalizzat. Ghalhekk kull osservazzjoni tieghu f'din id-direzzjoni ma tistax tigi ntrattenuta. Li jfisser ukoll illi r-raguni li fuqha iffonda l-gravami tieghu ta' xi vjolazzjoni tad-dettami ta' l-ekwita` f'dan il-kuntest ma jregux. Dan, indipendentement, imbaghad minn norma tal-ligi specjali taht l-Att imsemmi illi timponi fuq il-Gudikatur illi "ghandu jiddezisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti sabiex jaghtu l-parir espert taghhom" (Art 9 (2)(c)).

Issa hu korrett li jinghad illi t-Tribunal ghandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita`. Dan hekk jipprovdi l-Artikolu 7 (1) tal-Kap. 380.

Din il-fakolta` hekk rikonoxxuta mil-ligi u affidata lill-Gudikatur ma tfisserx pero` illi l-parti hi ezonerata mill-obbligu li tforni dawk l-elementi probatorji essenzjali, anke jekk mhux l-ahjar prova, li del resto mhiex di rigore mehtiega (Art 9 (2)(b)), ghall-finijiet fl-ewwel lok tad-determinazzjoni tal-htija, u, sekondarjament, ghall-iskop tal-fissazzjoni u stabilizzar tad-dannu.

Invece is-setgha koncessa lill-Gudikatur biex jiddeciedi skond l-ekwita` necessarjment tfisser li hu ghandu l-obbligu li fid-decizjoni tieghu jiehu in konsiderazzjoni l-elementi tal-kaz konkret, hekk rimessi lilu ghal kriterju valutattiv prudenti.

Tinkorri fil-vjolazzjoni tal-Artikolu 7 fuq imsemmi u fil-vizzju tal-motivazzjoni dik id-decizjoni li wara li taghmel l-accertamenti taghha, tirrespingi d-domanda sempliciment fuq ir-riljiev li l-provi ma kienux sufficjentement precizi, u minghajr ma tipprocedi ghall-ezami ekwitattiv. Dan qed jinghad in kwantu, dejjem b'referenza ghall-Artikolu 9 (2)(b) surreferit, jinsab sancit illi l-Gudikatur "ghandu jitgharraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xiehda fuq

kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista’ jasal biex jaqta’ l-kaz li jkun qed jitratta”.

Dan kollu jfisser illi fil-valutazzjoni ekwitattiva l-Gudikatur irid joqghod fuq  il-fatti kif jemergu mir-rizultanzi istruttorji tal-kaz.  L-ezami ekwitattiv tieghu ghandu jibqa’ mantenut fil-qafas tal-istess fatti u fil-parametri tal-principji legali.

Hekk, fil-fehma ta’ din il-Qorti jirrizultalha li sehh f’dan il-kaz.  Id-deduzzjoni tat-Tribunal kienet bazata fuq ir-rilevanza illi in vista ukoll tal-izmentita tal-konvenut u ta’ David Baland (fol 46) l-attur ma pprovax li l-video camera sofriet id-dannu meta kienet fil-pussess tal-konvenut u li d-dannu ma kienx gja jippre-ezisti antecedentement ghall-konsenja lill-konvenut ghat-tiswija.  Dan anke ghaliex, kif mit-Tribunal ritenut, l-attur ma spjegax f’hiex kienet tikkonsisti l-hsara fil-mument li hadha ghar-riparazzjoni.

Ezaminata fl-assjem taghha din il-Qorti ma tirravvisa l-ebda lezjoni tad-dritt ekwitattiv li b’xi mod ippregudika l-jeddijiet tal-attur appellant.  L-ezercizzju tal-Gudikatur fl-uzu tal-poter diskrezzjonali lilu konsentit u tal-accertament tal-presuppost relattiv ma jinhassx li ghandu jigi sindakat. Dan in raguni ghal konsiderazzjoni illi d-decizjoni hi sorretta minn motivazzjonijiet hielsa minn vizzji logici u zbalji ta’ dritt.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------